Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut,
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 42

Data tal-laqgħa: 23 ta` Novembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier (wasal fl-4.40pm)
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

# Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 42.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

42.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

## 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 41

42.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tal-Wieħed u Erbgħin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

42.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 42.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

42.3.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li tkellmet mal-*accountant*, dwar id-deċiżjoni li ħa l-Kunsill fil-laqgħa li għaddiet biex jiġi rivedut il-Baġit 2017 billi tiżdied l-allokazzjoni għall-Ħarġiet għall-Anzjani b`€1,600 u billi tiġi allokata s-somma ta` €3,000 biex issir l-attivita` tal-Inawgurazzjoni tal-uffiċċju. L-*accountant* tal-parir li dawn l-ammonti jitnaqqsu mill-baġit tal-*Upkeep and Maintenance.*

42.3.2 Il-Kunsill unanimament approva li jiġi rivedut il-baġit b`dan il-mod.

## 42.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

42.4.1.1 <u>Laqgħa mal-Onor. Silvio Parnis</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill bil-laqgħa li kellu mal-Onor. Silvio Parnis u d-Direttur għall-Gvern Lokali, is-Sur Adrian Mifsud nhar it-Tnejn 13 ta` Novembru 2017. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll il-Kunsillier Joe Galea u s-SE.

42.4.1.2 F`din il-laqgħa li damet madwar tliet kwarti, ġew diskussi diversi affarijiet fosthom il-possibilta` li jkun hemm xi tip ta` sussidju fuq il-kera tal-uffiċċju peress li l-Kunsill ma kellux alternattiva oħra ħlief li jikri mingħand il-privat.

42.4.1.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar proġett ta` tisbieħ tal-Playing field u l-Public Convenience. Dan billi titwaqqa` l-*playing field* preżenti u jsiru *parking facilities* taħt, u jinbnew *playing field* u *public convenience* akbar fil-livell ta` fuq. Il-Kunsill m`għandux biżżejjed fondi biex jiffinanzja dan il-proġett propost. Is-SE bagħtet *email* lid-Direttur sabiex jiġi ċċekjat jekk hawnx xi tip ta` skemi biex il-Kunsill ikun jista` japplika għal fondi addizzjonali għal dawn it-tip ta` proġetti.

42.4.2 <u>Il-Lokalita` Tiegħi fl-Istrina MCCF</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill dwar l-attivita` ''Il-Lokalita` Tiegħi fl-Istrina'' li ser tkun organizzata bejn l-1 u t-3 ta` Diċembru 2017 ġewwa l-Belt Valletta fejn ġew mistiedna l-Kunsilli Lokali biex jipparteċipaw f`din l-attivita`. Is-Sur Peter Busuttil infurma lis-Sindku li l-programm inbidel peress li kien hemm konkorrenza kbira u huwa impossibbli li jagħtu *slot* lil kulħadd. Is-Sur Busuttil qed iħeġġeġ lill-Kunsill biex jorganizza xi tip ta` attivita` fil-lokalita` u fl-istess ħin jinġabru fondi għall-MCCF, li jiġu ppreżentati lilhom fl-Istrina.

42.4.3.1 <u>Commonwealth Local Government Conference 2017</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 21 u l-Ħamis 23 ta` Novembru 2017 attenda għal *Commonwealth Local Government Conference 2017*. F`din il-konferenza internazzjonali, ġew diskussi diversi materji li huma ta` interess kbir u għall-Kunsilli Lokali.

42.4.3.2 Is-Sindku qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill id-dokument li fih madwar 50 paġna dwar din il-konferenza. Kopja ta` dan id-dokument ser tintbagħat lill-Kunsilliera wara l-laqgħa.

## 42.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

42.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 42.6 Inawgurazzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv il-ġdid

42.6.1 Is-Sindku għamel refereza għall-*email* li bagħat lill-Kunsilliera kollha fl-4 ta` Novembru 2017, fejn infurma bil-kwistjoni li nqalgħet wara l-laqgħa tal-Kunsill li għaddiet, li xi residenti gergru dwar l-ispiża li l-Kunsill kien qed jippjana li jonfoq għall-Inawgurazzjoni.

42.6.2 Is-Sindku ippropona li din l-attivita` titħassar u aktar `il quddiem isir ftuħ informali fil-preżenza tal-Kunsilliera, s*taff,* is-Segretarju Parlamentari u x-*Shadow Minister* tal-Kunsilli Lokali. Id-data ta` l-attivita` tiġi deċiża aktar `il quddiem. Is-Sindku pporpona wkoll li bil-flus li kienu se jintefqu, jiġu organizzati żewġ (2) attivitajiet bil-kollaborazzjoni tal-Każini tal-Banda tar-raħal.

42.6.3 Il-Kunsillier Joe Galea qal li hu ma jaqbilx li din l-attivita` titħassar minnħabba żewġ (2) persuni li gergru. Wara li kien hemm diskussjoni, il-Kunsilliera qablu li l-Inawgurazzjoni uffiċjali titħassar u ssir fuq skala iżgħar aktar `il quddiem. Kien hemm qbil ukoll li jiġu organizzati żewġ (2) attivitajiet bil-kollaborazzjoni tal-Każini tal-Banda tar-raħal.

42.6.4 Il-Kunsill se jorganizza *Pasta Night* bil-kollaborazzjoni tal-Każin tal-banda San Gabriel fis-7 ta` Diċembru 2017. Din l-attivita` se ssir fil-każin stess u waqt l-attivita` se ssir ġabra għall-Istrina.

42.6.5 L-attivita` l-oħra bil-kollaborazzjoni mal-Każin tal-Banda Filarmonika Marija Annunzjata tiġi diskussa aktar `il quddiem is-sena d-dieħla.

F`dan il-ħin (4.40pm) daħal il-Kunsillier Daniel Muscat għall-laqgħa.

## 42.7 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

42.7.1.1 <u>Tender għas-Servizzi Legali</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li ppreparat id-dokument għas-sejħa għall-offerti għas-servizzi legali, peress li l-Kunsill qatt ma kellu kuntratt. Kopja tad-dokument ingħata lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

42.7.1.2 Dan id-dokument ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Is-SE se tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa għall-offerti.

42.7.1.3 Il-Bord tal-evalwazzjoni se jkun magħmul minn dawn il-membri:
Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri, il-Viċi Sindku Andre` Grech u l-Kunsilliera Joe Galea se jkollhom ir-rwol ta` *Evaluating Staff* u
il-Kunsillier Daniel Muscat se jkollu r-rwol ta` *Chairperson* tal-bord sabiex issir l-aġġudikazzjoni.

L-iskrivani Mariella Casha u Lawrence Pace se joqgħodu *Opening Staff*.

42.7.2 <u>Laqgħa Annwali tal-Lokalita` 2017</u>
Is-SE infurmat li kien wasal iż-żmien biex tiġi deċiża d-data għall-laqgħa annwali tal-lokalita` 2017. Kien hemm qbil li din il-laqgħa għandha ssir nhar it-Tnejn 18 ta` Diċembru fis-6:00pm.

42.7.3 <u>HSBC*net* Board Resolution</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li hemm bżonn tgħaddi riżoluzzjoni fuq l-użu tal-HSBC*net* bħala konferma li:

1. Il-Kunsill huwa konxju tad-drittijiet li l-Amministratur tas-Sistema maħtur (is-SE) għandu fuq HSBC*net* u qed jawtorizzaw lill-Amministratur tas-Sistema b'poteri sħaħ biex jamministra s-

servizzi f'isem il-Kunsill u

2. Il-Kunsill jista` wkoll jiddelega l-poteri lill-Amministraturi tas-Sistema oħra (is-Sindku) sabiex kwalunkwe skeda ta` emenda sottomessa f`isem il-Kunsill tkun tista` tiġi ffirmata mill-Amministraturi tas-Sistema maħtura.

Il-Kunsillieri unananimament approva din ir-riżoluzzjoni.

42.7.4 *Claim* mal-kumpanija tal-Assigurazzjoni

Is-SE infurmat lill-Kunsill li xi apparat, li jinkludu NVR u diversi *cameras* tas-sistema tas-CCTV instab bil-ħsara u Alarmtech infurmawna li ma jissewwiex. Il-ħsara ġiet ikkawżata mis-sajjetti. L-ispiża biex l-apparat jinbidel tammonta għal €2,720.00 (VAT eskluż). Is-SE diġa` fetħet *claim* mal-kumpanija tal-Assigurazzjoni u qed tistenna risposta.

42.7.5 Kwotazzjoni għall-dwal taż-*zebra crossing* li jaħdem bl-enerġija solari

Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni mibgħuta mill-kumpanija Smart Light Systems għall-dwal taż-*zebra crossing* li jaħdem bl-enerġija solari. Kull waħda tiswa €245.44c. Se jiġi ċċekjat jekk nistgħux napplikaw għall-fondi tal-UIF mal-Planning Authority biex jiġu nstallati maż-zebra crossings li hemm fil-Wied ta` Ħal Balzan.

42.7.6 Kampanja Edukattiva dwar it-traffiku

Ġiet innutata ittra mibgħuta mis-Sur Raymond Zammit, CEO tal-LESA, fejn qed iħeġġeġ lill-Kunsill Lokali sabiex jorganizzaw sessjoni ta` informazzjoni għaż-żgħażagħ u persuni anzjani bit-tema ''Sigurta` aħjar fit-toroq''. Il-Kunsill qabel li ma jieħux sehem minħabba nuqqas ta` konkorrenza mir-residenti għal dawn is-sessjonijiet.

42.7.7 President tal-Kunsill Skolastiku tal-iskola Primarja Lija/Balzan/Iklin

Ġiet innutata *email* mibgħuta mis-Sinjura Marion Pace Axiaq fejn qed tinfurma lill-Kunsill li ġiet maħtura bħala l-President tal-Kunsill Skolastiku. Tixtieq tirringrazzja lill-Kunsill talli għoġbu jinnominha għal din il-kariga.

42.7.8 Ċirkulari AKL 78/2017 – Riċeviment tal-Milied mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

Ġiet innutata Ċirkulari AKL 78/2017 – Riċeviment tal-Milied mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Għal dan ir-riċeviment ser jattendu il-Viċi Sindku Andre` Grech u l-Kunsillier Daniel Muscat.

42.7.9.1 *Shifting* ta` bozza ma` The Cove, Triq l-Għerusija

Is-Sur Damian Caruana qed jitlob biex il-bozza li kien hemm imwaħħla mal-faċċata ta` The Cove, Triq l-Għerusija ma teħilx fejn kienet qabel peress li din se tikkawża li jidħol ħafna dawl mit-twieqi tal-kmamar tas-sodda u tkun ta` inkonvenjent għar-residenti. Is-Sur Caruana qed jissuġġerixxi tliet (3) postijiet ġodda fejn tista` teħel din il-bozza.

42.7.9.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li hemm ftehim iffirmat fejn is-Sur Caruana qed jaqbel li l-bozza se tiġi mwaħħla temporanjament fuq arblu sakemm jitlesta x-xogħol u li l-bozza għandha terġa` teħel fil-post fejn kienet oriġinarjament hekk kif jitlesta x-xogħol.

42.7.9.3 Għalhekk, il-Kunsill ma laqax it-talba tas-Sur Caruana u qed jissuġġerixxi li titwaħħal *shade* mal-bozza għas-spejjeż tas-Sur Caruana, biex jiġi evitat li jidħol dawl mit-twieqi.

42.7.10.1 PA/07940/17 - 272, Triq il-Papa Piju XII, B'Kara k/m, Triq Il-Kbira, Ħal Balzan

Il-Kunsillier Daniel Muscat qed jissuġġerixxi li l-Kunsill joġġezzjona għal dan l-iżvilupp biex titwaqqa` dar tipika ta` nofs is-Seklu 20 u minnflokha jinbnew total ta` erbatax (14) –il appartament, biex tal-inqas tiġi salvata mqar il-faċċata tal-binja u jsir żvilupp sostenibbli.

42.7.10.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li ż-żmien biex tiġi ssottomessa rappreżentazzjoni għalaq fit-3 ta` Novembru 2017. Għalhekk ġie deċiż li l-Kunsillier Daniel Muscat joġġezzjona f`isem il-Kunsill meta jkun se jinstema` l-każ quddiem il-bord tal-Planning Authority.

42.7.11 Ġemellaġġ mal-villaġġ ta` Coye-la-Forêt fi Franza

Ġiet innutata *email* mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-interess li wera l-Kunsill għat-

talba għall-Ġemallaġġ mal-villaġġ ta` Coye-la-Forêt fi Franza. F`din l-*email* hemm elenkata *checklist* li turi id-dokumenti/informazzjoni li l-Kunsill irid jibgħat biex ikun jista` jibda il-proċess biex jinġiebu l-approvazzjonijiet meħtieġa. Dan ir-rapport se jiġi ppreparat aktar `il quddiem.

42.7.12.1 <u>*Main* tal-ilma fi Triq Idmejda</u>
Dwar il-problema tal-*main* tal-ilma fi Triq Idmejda, il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` segwa din il-kwistjoni, fejn ġie nfurmat li:

1. Trid issir talba formaili mill-Kunsill biex jinbidel il-*main*;
2. Il-Kunsill iqabbad kuntrattur biex jagħmel ix-xogħol taħt is-supervizzjoni tal-Water Services Corporation;
3. Ix-xogħol isir u l-Kunsill jiġi *refunded* tal-ispejjeż.

42.7.12.2 Ġie nnutat li l-Kunsill m`għandux fondi biżżejjed biex joħroġ din l-ispiża minn quddiem, u wara joqgħod jistenna li jiġi *refunded.* Is-SE se tkellem lis-Sur Joseph Gregoraci (WSC) biex jinbidel il-*main.* Is-Sur Gregoraci se jiġi nfurmat ukoll li dan ix-xogħol qed jintalab li jsir mill-WSC peress li l-Kunsill m`għandux fondi għal din l-ispiża.

F`dan il-ħin (5.15pm) il-Viċi Sindku Andre` Grech talab li jiġi skużat mil-laqgħa.

42.7.13.1 <u>Linji sofor mal-ġenb ta` *drive-in* ta` dar nru. 6, Triq Guze Bonnici</u>
Resident Dr Brian Cassar qed jitlob li jiżdiedu l-linji s-sofor għal 1.5m minnflok 1m li hemm mal-ġenb tad-*drive-in* (fuq il-lemin meta tħares lejn ir-residenza) tad-dar nru 6, Triq Guze Bonnici għax peress lit-triq dejqa qed isib diffikulta` meta jiġi biex jidħol / joħroġ mid-*drive-in*.

42.7.13.2 Il-Kunsill qabel li japplika għall-permess ma` Transport Malta biex jittawwlu l-linji sofor. Ir-resident irid jipprovdi l-permess tal-Planning Authority li juri li din il-parti tista` tintuża bħala *drive-in* sabiex tkun tista` tiġi pproċessata l-applikazzjoni.

42.7.14 <u>Bankina quddiem 41, Triq il-Kbira</u>
Resident ta` dar nru. 41, Triq il-Kbira qed jitlob lill-Kunsill biex titbaxxa l-bankina u ssir rampa quddiemu peress li għandu permess tal-Planning Authority biex it-tieqa li hemm preżenti tinbidel f`garaxx. It-talba biex tiġi rranġata l-bankina ġiet approvata bil-kundizzjoni li ssir minn materjal li qiegħda preżentament (*paving blocks*) u lix-xogħol isir mir-resident a spejjeż tiegħu.

42.7.15 <u>Ċirkulari Numru 34/2017 – Allokazzjoni Finanzjarja għal 2018</u>
Ġiet innutata Ċirkulari Numru 34/2017 – Allokazzjoni Finanzjarja għal 2018 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-allokazzjoni żdiedet b`€11,875 meta kkumparata mal-allokazzjoni tal-2017. IS-SE se tħejji l-estimi biex jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

## 42.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

42.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 12/17 li ġġib id-data tat-23 ta` Novembru 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €19,098.07.

42.8.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` li kien issekondat mill-Kunsillier Daniel Muscat. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 42.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

42.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-5.40pm.

42.9.2 Il-Laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 18 ta` Diċembru 2017 fit-3.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 18 ta` Diċembru 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nut. Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |